**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 9 ta' Novembru 2023**

**Kawża Numru: 3**

**Rikors Ġuramentat Numru: 514/2023 JVC**

**Rachelle Bach Sakka Fiorini**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Rachelle Bach Sakka premettiet u talbet kif isegwi:

'1. Illi l-attriċi twieldet bħala Rachel Fiorini u dan kif jirriżulta mill-anness ċertifikat tat-twelid (Dok A);

2. Illi l-attriċi kienet iżżewġet lil ċertu Mohamed Bach Sakka kif jirriżulta mill-anness ċertifikat taż-żwieġ (Dok B) u dan fit-12 ta' Diċembru 2005;

3. Illi pero' l-esponenti kienet ottjeniet id-divorzju minn tali żwieġ u dan permezz ta' digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) datat 28 ta' Frar 2013 (kopja annessa u mmarkata Dok C);

4. Illi ai termini ta' l-artikolu 66L(4)(b) tal-Kap. 16 il-mara għandha l-fakulta li terġa lura għal kunjom xbubitha wara li tottjeni d-divorzju;

5. Illi hija tixtieq illi tirriveri għal kunjom xbubitha u cioe' Fiorni u konsegwentement qed tipproċedi a tenur ta' l-artikolu 253 tal-Kap. 16;

6. Illi dan nonostante l-karta ta' identita' tagħha turi l-kunjom "Bach Sakka Fiorini" (Dok D);

7. Illi l-attriċi tiddikjara illi taf b'dawn il-fatti personalment.

Għaldaqstant l-attriċi titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

i) Tawtorizża lill-attriċi terġa lura għal kunjom xbubitha u ċioe' "Fiorini";

ii) Tiddikjara għall-finijiet u effetti; kollha tal-liġi li kunjom l-attriċi għandu jkun "Fiorini" u mhux "Bach Sakka Fiorini";

iii) Tordna lill-konvenut sabiex jagħmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha meħtieġa fl-atti pubbliċi relattivi għall-attriċi, inkluż fiċ-ċertifikat taż-żwieġ u l-karta ta' identita' ta' l-attriċi u dan billi kull fejn hemm indikat kunjom "Bach Sakka Fiorini" dan jiġi jaqra "Fiorini".

Bl-ispejjeż u l-konvenut inġunt in subizzjoni.'

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

**1.** 'Illi jibda billi jingħad li la darba l-kawża mressqa mir-rikorrenti qed issir bil-għan illi tintalab korrezzjoni ta' att tal-istat ċivili, ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

**2.** Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jissottometti illi huwa mhux edott mill-fatti kif ġew dikjarati fir-rikors promotur;

**3.** Illi mill-Att taż-Żwieġ bin-numru progressiv 2226/2005, kopja ta' liema ġiet annessa mar-rikors promotur, jirriżulta illi l-attriċi żżewġet lil Mohamed Bach Sakka f'Malta fit- 12 ta' Diċembru 2005, u li maż-żwieġ hija adottat kunjom żewġha, 'Bach Sakka'. Jirriżulta wkoll li ai termini tal-Artikolu 4 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta  in vigore fil-mument taż-żwieġ hija jidher li għażlet li wara kunjom żewgħa żżid kunjomha xebba sabiex jiġi jaqra "Bach Sakka

Fiorini" u dan kif jiriżulta minn kopja tal-karta tal-identita' annessa mar-rikors ġuramentat;

**4.** Illi mill-annotazzjoni fuq l-istess Att taż-Żwieġ jirrizulta li l-partijiet ottjenew sentenza li ppronunzjat il-ħall taż-żwieġ datata 28 ta' Frar 2013 mingħajr ebda referenza illi l-mara għandha tirriverti għal kunjom xbubitha ossia 'Fiorini' stante illi ma saret ebda talba f'dak is-sens. In vista ta' dan l-esponent ħalla lill-attriċi b'kunjomha miżżewġa stante li meta waħda mill-partijiet tiġi awtorizzata tirriverti lura għal kunjom fit-twelid, dan il-fatt ikun specifikat fis-sentenza rispettiva u jsir it-tibdil effettiv mill-esponent;

**5.** Illi għalhekk **ma sar ebda żball mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku** meta ġie registrat l-imsemmi divorzju ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kap. 16 mingħajr ebda bidla fil-kunjom tar-rikorrenti;

**6.** Illi iżda issa jirriżulta illi l-attriċi trid tirriverti għal kunjom xbubitha għal motivi elenkati fl-istess rikors;

**7.** Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponent jiddikjara illi fir-rigward tat-talbiet attriċi, anke in vista ta dispozizzjonijiet fl-Artikolu 62 u l-Artikolu 66L(4) tal- Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv illi l-provi prodotti jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-Qorti;

**8.** Illi madanakollu, rigward it-tielet talba, l-attriċi għandha tindika liema huma l-Atti ta' Stat Ċivili li għandhom jiġu

korretti bin-numru progressiv u sena ta' kull wieħed minnhom. Illi in oltre, tajjeb jiġi rilevat illi l-esponent jista jagħmel korrezzjonijiet biss fuq l-Atti ta' Stat Ċivili u mhux fuq dokumenti uffiċjali oħra bħal ma hi l-karta tal-identita'.

**9.** Illi finalment u bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u **għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti**;

**10.**Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 27 tal-proċess.

Rat l-atti kollha

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni kollha esebita mar-rikors guramentat forthom il-proceduri ta' divorzju minn fejn jirrizulta li f'dawk il-proceduri verament thalliet barra l-kwistjoni ta' kunjom il-mara wara l-eventwali dikjarazzjoni ta' divorzju.

Semghet llum stess ix-xhieda tar-rikorrent fejn ukoll ikkonfermat li bi zvista, fil-proceduri ta' divosrju, thalliet il-kwistjoni tal-

kunjom barra ghalkemm hija riedet li tirriverti ghal kunjomha xbubitha Fiorini.

Illi in vista tal-provi fl-atti u s-suespost il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

Stante li ma jirrizultax li d-Direttur ghandu xi responsabbilta' fl-akkadut l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-istess rikorrenti.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, ir-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tawtorizża lir-rikorrenti terġa lura għal kunjom xbubitha u ċioe' "Fiorini";

3. Tilqa' it-tieni talba u tiddikjara għall-finijiet u effetti; kollha tal-liġi li kunjom ir-rikorrenti għandu jkun "Fiorini" u mhux "Bach Sakka Fiorini";

4. Tilqa' it-tielet talba in parte u tordna lill-intimat sabiex jagħmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha meħtieġa fl-atti pubbliċi relattivi għar-rikorrenti inkluż fiċ-ċertifikat taż-żwieġ u dan billi kull fejn hemm indikat kunjom "Bach Sakka Fiorini" dan jiġi jaqra "Fiorini", tichadha fir-rigward tal-karta ta' identita' tar-

rikorrenti stante li mhux fil-poter tad-Direttur l-intimat ghalkemm il-korrezzjoni ghandha tigi awtomatikament wara li din id-decizjoni tigi debitament registrata.

5. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**9 ta' Novembru 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**9 ta' Novembru 2023**